**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru 754/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darryl Farr)**

**vs**

**Monique Bugeja**

**Illum, 9 ta' Frar, 2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

> "**Monique Bugeja**, detentriċi tal-karta tal-identita' 11292M;
>
> Billi int akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fit-8 ta' Novembru 2021 għal-ħabta ta' 02:50 u fil-ħinijiet ta' qabel fi Triq il-Marina, Kalkara u/jew fil-viċinanzi:

Volontarjament ħassar, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioe' vettura tal-għamla Mitsubishi bin-numru tar-reġistrazzjoni KBW952 għad-dannu ta' Emanuel Bezzina. (Art. 325 (1)(a) Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

Nakkużak ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi soqt vettura tal-għamla Honda bin-numru tar-reġistrazzjoni CEB545 b'mod traskurat u bla kont u dan ai termini tal-Artikolu 15(1)a) tal-Kap. 65;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'akż ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

Il-Qorti hija mitluba sabienx f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Emanuel Bezzina skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali."

Semghet l-ammissjoni tal-imputata **Monique Bugeja**;

Tat zmien ragonevoli lill-imputata **Monique Bugeja** sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputata **Monique Bugeja** regghet affermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra il-posizzjoni taghha;

Rat illi l-imputata **Monique Bugeja** ukoll regghet affermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra l-posizzjoni taghha;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputata **Monique Bugeja** l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti tqis li piena karċerja ma hiex idoneja. F'dan il-każ, il-Qorti mhux biss qiegħda tqis l-ammissjoni ta' l-imputata fi stadju bikri tal-proceduri, il-koperazzjoni tagħha mal-Pulizija, id-dikjarazzjoni, ikkonfermata wkoll mill-parte ċivile, li ħallset l-ispejjeż tal-ħsara kaġunata izda qed tqis ukoll il-gravità tar-reati minnha kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz, kif ukoll il-fedina penali tal-imputata.

Illi wara li rat l-atti kollha tal-kaz, u wara li rat l-Artiklu 325 (1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artiklu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artiklu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Qorti qeghda (1) bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum; u (2) tohrog Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-vittma Emanuel Bezzina ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat din is-sentenza fi kliem car lill-imputata u l-obbligazzjonijiet tagħha skont din is-sentenza u x'jigri jekk hija ma tonorax l-obbligi taghha taht din is-sentenza.

***-vera kopja tal-oriġinal-***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur